# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1121

KAZ NRU. 1358

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Simon Dalton

u

Hotel & Tourist Enterprises Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 6 ta' Gunju, 2000

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., I.P.D.(U.K.)**

**INTRODUZZJONI**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 26 ta' Lulju, 1999 Ref. MSP/TI/60/99 biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Simon Dalton li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit mill-avukat John Buttigieg u ghall-Kumpanija Hotel &

Tourist Enterprises Ltd. is-Sur Damian Ebejer, Assistant General Manager assistit mill-avukat Andrew Borg Cardona.

**DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ**

L-appellant beda jahdem fil-Lukanda Metropole Hotel fis-19 ta' Ottubru 1998. Huwa jghid, li l-ftehim li sar qabel ma gie impjegat kien sar mas-Sur S. Mousley li dak iz-zmien kien jokkupa l-grad ta' Food & Beverage Manager tal-Metropole Hotel. L-appellant jghid li l-ftehim li kien verbali kien jghid, li kien hemm ftehim biex jigi mpjegat fil-grad ta' Head Waiter bil-paga ta' Lm75 fil-gimgha u fl-ewwel tlett xhur ta' prova jahdem gimgha ta' tmienja u erbghin siegha fuq sitt t'jiem, u kif jghaddi z-zmien ta' prova jibqa bl-istess paga, izda jibda jahdem erbghin siegha fuq gimgha ta' hames t'jiem. L-appellant jghid, li dan il-ftehim kien sar sabiex meta jghaddi z-zmien ta' prova minflok li jigi moghti zieda fil-paga, huwa jahdem tmien sieghat anqas fil-gimgha u jibqa bl-istess paga ta' Lm75 fil-gimgha. L-appellant fl-istqarrija tal-kaz tieghu jkompli jghid, li wara li qablu f'kollox gie nfurmat li kien se jigi mpjegat bil-paga ta' Lm315.

L-appellant ikompli jghid fl-istqarrija tieghu, li meta gie moghti Lm315 haseb li kollox kien sew peres li kien gie nfurmat mis-Sur Mousley li kien se jigi moghti il-paga li kien talab fl-applikazzjoni li kienet dik ta' Lm75 fil-gimgha izda, meta ircieva l-ewwel paga sab li din ma gietx mahduma fuq erba' gimghat izda l-ammont ta' Lm315 kienet il-paga ta' xahar ghaldaqstant, meta din tigi kkalkulata fuq paga ta' gimgha din tigi anqas minn Lm75 fil-gimgha. Li kieku kellu jigi kkalkulat l-ammont ta' Lm75 fil-gimgha fuq xahar il-paga tieghu kellha tkun ta' Lm325 minflok Lm315. L-appellant jghid, li dwar dan huwa mar ikellem lis-Sur Joseph Cutajar, li kien inkarigat mis-salarji ta' l-istaff . Huwa jghid, li kellmu fil-prezenza tas-Sur

Mousley, izda dan cahad li kien sar ftehim fis-sens li l-appellant kellu jkollu paga ta' Lm75 fil-gimgha izda l-paga kellha tkun ta' Lm315 fix-xahar.

L-appellant ikompli jghid, li s-Sur Mousley cahad ukoll li kien hemm xi ftehim li meta jghaddu tlett xhur ta' prova l-appellant kellu jibda jahdem gimgha ta' erbghin siegha fuq hames t'jiem. In vista ta' dan l-appellant jghid fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li huwa kkalkula li jekk kellu jibqa' jircieva l-istess paga fuq gimgha ta' tmienja u erbghin siegha minflok fuq gimgha ta' erbghin siegha huwa kien se jkollu paga ta' waiter u mhux ta' Head Waiter. Hawn l-appellant jghid li oggezzjana ghal dan, u meta oggezzjona s-Sur Mousley qallu li meta jghaddu t-tlett xhur ta' prova, jerga' jigi moghti zieda fil-paga u b'din il-promessa l-appellant accetta.

Izda fil-frattemp l-appellant jghid, li sa ma ghaddew tlett xhur ta' prova kienu inbidlu xi affarijiet. Il-lukanda ghamlet xi zmien maghluqa sa ma sar xi xoghol ta' manutenzjoni u hu xorta wahda baqa' jahdem billi jghin fix-xoghol li kien qed isir fil-lukanda. F'dan iz-zmien is-Sur Mousley kien gie trasferit f'lukanda ohra ta' l-istess Kumpanija "FORUM HOTEL" fejn dan wara li fethet mill-gdid il-Metropole Hotel xorta wahda baqa jahdem fil-Forum Hotel, b'hekk l-appellant jghid, li ma min kien ftiehem kellu jintesa kollox u kellu jipprova jerga jibda jitkellem mill-gdid din id-darba mas-Sur Damain Ebejer li kellu l-grad ta' Assistant General Manager.

L-appellant ikompli jghid, li wara li tkellem mas-Sur Ebejer huwa gie msejjah minnu wara xi granet u qallu li kien se jaghtih promozzjoni minn Head Waiter ghal Restaurant Manager. L-appellant jghid, li kien gie nfurmat, li kien se jkollu zieda fil-paga izda kellu jibqa jahdem gimgha ta' tmienja u erbghin siegha maqsuma

fuq sitt t'ijiem. L-appellant jghid ukoll fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li hu accetta dawn il-kondizzjonijiet izda bi ftehim li ix-shift tieghu li kien split shift (jahdem erba sieghat fil-ghodu u erba sieghat fil-ghaxija) kellu jigi mibdul fi straight shift u jibda jahdem tmien sieghat straight shift bhal kumplament tal-managers u il-Head of Departments l-ohra. L-appellant ikompli jghid li is-Sur Ebejer kien accetta pero kien qallu wkoll li jistenna ftit qabel ma jaqleb ix-shift sakemm jigi mpjegat Head Waiter biex jiehu l-pozizzjoni li kellu l-appellant. Ghaldaqstant, wara li jigi mpjegat Head Waiter, l-appellant kellu jibda jahdem l-istess shift li kien jahdem is-Sur Mousley.

L-appellant ikompli jghid fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li wara li gie promoss huwa hadem skond kif kien ftiehem u anki hadem aktar minn tmienja u erbghin siegha, izda is-sieghat li hadem aktar gie mhallas ghalihom bil-Lm1.25c0 is-siegha, liema rata mhux talli ma kinitx rata ta' overtime izda kienet ferm anqas mir-rata tal-paga li kellu. Dwar dan huwa kien kellem lis-Sur Joseph Cutajar li kien jahdem il-pagi u qallu, li meta kien jahdem sieghat zejda (li kien ikun regolari) kien jippreferi li johodhom time in lieu l-gimgha ta' wara minflok li jithallas b'dik ir-rata. Dwar dan l-arrangament kien jaf is-Sur Ebejer li ghal bidu ma kien qal xejn ghax kien jaf li l-appellant xorta wahda kien qed jahdem tmienja u erbghin siegha fil-gimgha izda flok fuq sitt t'ijiem kien qed jahdimhom fuq gimgha ta' hames t'ijiem u l-hin li kien qed jahdem zejjed minflok li kien qed jithallas taghhom kienu qed jaghmlu tajjeb ghas-sitt jum.

L-appellant ikompli jghid fl-istqarrija tal-kaz, li l-ftehim li kellu li jigi mpjegat Head Waiter biex l-appellant jibda jahdem straight shift minflok split shift ma giex onorat mill-Kumpanija u huwa baqa jahdem split shift. Izda minkejja dan, huwa kien lest li jaccetta ghax ma kienx imdejjaq la darba kien qed jahdem

gimgha ta' tmienja u erbghin siegha fuq hames t'jiem u s-sieghat zejda kienu qed jaghmlu tajjeb ghas-sitt jum.

L-appellant jghid, li dam jahdem b'din is-sistema ghall-perjodu ta' tlett xhur u wara dan il-perjodu huwa gie msejjah mis-Sur Ebejer u qallu biex ma jibqax aktar jippancja u l-appellant fehem li ir-raguni ghal dan kienet sabiex ma jkunx jista' jiddikjara in-numru ta' sieghat li kien qed jahdem fil-gimgha u b'hekk is-sieghat zejda ma jkunux jistghu jikkumpensaw ghas-sitt jum u ghaldaqstant huwa jkollu jerga jibda jahdem gimgha ta' sitt t'jiem. Meta l-appellant staqsa x'kien se jigri mis-sieghat zejda li kien qed jahdem ir-risposta kienet li kellu paga bizzejjed biex ikopru is-sieghat zejda li kien qed jahdem. In vista ta' dan l-appellant jghid, li talab biex il-kondizzjonijiet jigu moghtija lilu bil-miktub u jkun hemm kollox iddikjarat ghax-wara kollox, fuq l-ircevuta li tinghata mill-Kumpanija ma kull paga fix-xahar, ikun hemm iddikjarat li hu kien qed jahdem gimgha ta' 40 siegha u mhux ta' 48 siegha kif ukoll, li l-pozizzjoni tieghu kienet ghadha tidher li hi ta' Head Waiter u mhux ta' Restaurant Manager. L-appellant jghid, li hu talab li jkun hemm kollox bil-miktub ghar-raguni li l-ircevuti tal-paga kienu johorgu mill-Head Office tal-S.M.S. li huma il-propjetarji tal-lukanda u kien qed jahseb, li forsi dawn ma kienu jafu b'xejn. Ghaldaqstant, hu xtaq li jkollu kollox bil-miktub biex jekk jinqala xi haga jkollu x'juri. In vista ta' dan huwa qal lis-Sur Ebejer li sakemm ma jkollux kollox bil-miktub u iddikjarat skond il-ligi huwa ma kienx lest li jahdem kif kien qed jghid is-Sur Ebejer, izda kien se jibda jahdem skond id-dikjarazzjoni tal-paga kif kien jircievi mill-Head Office.

L-appellant fl-istqarrija tal-kaz tieghu jkompli jghid, li s-Sur Ebejer irrifjuta li jaghmel bil-miktub il-kondizzjonijiet li riedu jahdem bihom u temm biex jghidlu li kien se jaghtih ftit

zmien biex jerga jahsibha. Wara li kienet ghaddiet gimgha, rega sejjahlu fl-ufficju fejn kien hemm prezenti wkoll il-General Manager is-Sur Michael Bonnici Soler u s-sinjura Rita Cucciardi li hi l-Housekeeper. F'din il-laqgha s-sur Ebejer staqsa lill-appellant jekk kienx haseb fuq dak li kienu tkellmu u l-appellant wiegeb li kull ma ried kien li jkollu kollox bil-miktub u iddikjarat skond il-ligi u ghal dan is-Sur Ebejer irrifjuta.

L-appellant jghid li s-Sur Ebejer qallu li ma kienx qed jaqbel ma dak li kien qed jghid l-appellant u fil-waqt li irrifjuta li jaghtih il-kondizzjonijiet ta' l-impieg bil-miktub qallu li z-zidiet li kien ha matul iz-zmien kenu diga bizzejjed, ma dan l-appellant gie infurmat li jekk ma kienx qed joghgbu seta jitlaq mix-xoghol. Ghal dan, l-appellant qal li ma kinitx problema jekk is-Sur Ebejer ried hekk u talbu biex jigi moghti cans sakemm isib impieg iehor u jitlaq bil-kwiet izda l-appellant jghid, li minflok li l-Kumpanija taghtu l-kondizzjonijiet ta' l-impieg bil-miktub huwa gie imkecci dak inhar stess jigifieri fis-19 ta' Lulju 1999.

Is-Socjeta' ntimata, da parti taghha qalet li l-appellant gie tterminat ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghar-raguni li l-appellant gie mkecci talli rrifjuta illi jaqdi d-doveri tieghu skond il-ftehim li kellu mal-lukanda, fejn b'dan huwa ma riedx jahdem is-sieghat neccesarji ghall qadi ta' dmirijietu kif kien ftiehem l-appellant.

**PROVI**

Matul is-seduti t-Tribunal Industrijali ezamina x-xhieda u d-dokumenti esebiti u gew stabiliti dawn il-fatti; li kemm il-kuntratt ta' l-impieg u l-kondizzjonijiet tax-xoghol kienu ta' natura verbali u ma kien hemm xejn bil-miktub rigward dawn il-

kondizzjonijiet bejn il-Kumpanija u l-appellant. Dan wassal ghal diversi interpretazzjonijiet dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol ta' l-appellant inkluz dwar il-paga li originarjament kellu jithallas l-appellant, hinijiet tax-xoghol u kondizzjonijiet tax-xoghol ohrjan.

Gie stabbilit ukoll li regolarment l-appellant kien jahdem aktar minn 50 siegha fil-gimgha liema sieghat gew ikkonfermati mis-Sur Damain Ebejer , Assistent General Manager fejn meta gie mistoqsi jekk "barra t-48 siegha  dan (l-appellant) beda jahdem iktar billi beda jahdem 52 u 54 siegha , jigifieri iktar mit-48 siegha miftehma" is-Sur Ebejer wiegeb " Yes, bhalma nahdem jiena, bhalma jahdem il-head chef, bhalma jahdem il-front office manager. It is normal".

Mix-xhieda u  dokumenti gie kkonfermat ukoll li ghas-sieghat zejda li kien jahdem l-appellant ma kienx jithallas b'rata ta' overtime izda kien gie mhallas b'rata ta' LM1.25.0 fis-siegha liema rata hija anki anqas mir-rata normali ta' siegha tas-salarju ta' l-appellant.

Gie kkonfermat ukoll li meta l-appellant ma accettax li ir-rata ta' LM1.25.0 is-siegha beda jiehu s-sieghat li kien jahdem fuq it-48 siegha *f'time-in-lieu* biex jaghmlu tajjeb ghas-sitt jum u dam jahdem b'din is-sistema ghal aktar minn tlett xhur.

Fir-rigward kienx sar ftehim li l-Kumpanija kellha timpjega Head Waiter biex jimla l-post vakanti li halla l-appellant meta ha l-promozzjoni, u li l-ghan ta' dan kien biex l-appellant jibda jahdem straight shift minflok split shift kien hemm xhieda konflingenti, fejn anki gie innegat li kien hemm xi ftehim bejn il-management u l-appellant li din il-vakanza ta' Head Waiter kellha tintela. Izda, mix-xhieda gie stabilit quddiem it-Tribunal

Industrijali li kienu saru interviews biex il-vakanza ta' Head Waiter tintela' kif ukoll li mix-xhieda ta' Shaon Mousley li qabel kien jahdem fil-Metropole Hotel u meta spicca minn mal-Metropole Hotel l-appellant gie assenjat doveri min tieghu, dan ix-xhud fix-xhieda tieghu kkonferma li meta kien jahdem fil-Metropole Hotel qal li " skond l-agreement tieghi bi straight shift u gie li dhalt fil-ghodu biex niccekkja x-xoghol. Pero' generalment straight shift kont".

Mix-xhieda gie stabilit ukoll li t-terminazzjoni ta' l-impieg waslet meta l-appellant oggezzjana li jahdem kif ordnat mill-management jekk dawn il-kondizzjonijiet ma jkunux bil-miktub liema talba giet irrifjutata mill-management u konsegwentament itterminalu l-impieg.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal Industrijali jinnota li mill-bidu ta' l-impieg ta' l-appellant kien hemm certu dizgwid li kwazi kien kontinwu dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol ta' l-appellant bhalma giet msemmija l-paga li originarjament li l-appellant gie mpjegat biha u kondizzjonijiet ohra tax-xoghol bhal split shift. Sitwazzjonijiet bhal dawn setghu jigu evitati facilment li kieku ma' l-ingagg ta' l-impieg l-management implimenta prattici elementari ta' "personnel management" u kif mistenni li jsir f'kumpanija bhal din fejn l-impjegati jigu moghtija kondizzjonijiet tax-xoghol bil-miktub.

It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li kieku il-Kumpanija kellha fis-sehh proceduri bazici tal-'Personnel Management" bhal li qabel ma haddiem jigi moghti promozzjoni jigi moghti bil-miktub dokument fejn jkun hemm spjegat il-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu fosthom bhal pagi, hinijiet tax-xoghol , allowances

u hlasijiet ta' overtime ma kienx jinqala d-dizgwid li inqala bhalma kien il-hlas ta' l-overtime li minghajr mal-haddiem ma kien infurmat qabel gie mhallas ghas-sieghat zejda li hadem b'rata ta' overtime li kienet anqas mir-rata normali ta' siegha tas-salarju tieghu. Kien jigi evitat ukoll dizgwid iehor fil-kondizzjonijiet tax-xoghol li diga saret riferenza ghalihom.

Fil-kunsiderazzjonijiet tieghu, dan it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li kien gust l-ilment ta' l-appellant specjalment f'dawn ic-cirkostanzi ta' dizgwid kontinwu fil-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu li jitlob lill-management biex qabel ma jahdem fuq il-kondizzjonijiet ordnati mill-management dawn l-kondizzjonijiet jigu moghtija lill-appellant bil-miktub u liema talba li hi ragonoveli giet michuda mill-management tal-Kunpanija minghajr raguni valida u li per konsegwenza l-istess management ittermina l-impieg ta' l-appellant.

**DECIZJONI**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jiddikjara li mhux sodisfatt li t-terminazzjoni tal-impieg saret ghal raguni tajba u sufficjenti.

It-Tribunal Industrijali, wara li ha l-konsiderazzjonijiet kollha tal-kaz jiddeciedi li fic-cirkostanzi l-appellant m'ghandux jinghata l-impieg lura, izda l-appellant ghandhu jithallas kumpens mill-Kumpanija li jammonta ghas-somma ta' Lm1,300 (elf u tlett mitt lira Maltija).

Dan il-Kumpenss ta' Lm1,300 (elf u tlett mitt lira Maltija) ghandu jithallas mill-Kumpanija lill-appellant sat-30 ta' Gunju, 2000.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

--------------------
**Harold Walls**
**Chairman**

----------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

mrg